# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum it-22 t'Ottubru 2019**

Appell numru 404 tal-2017

**Il-Pulizija**

**vs**

**OMISSIS**

Il-Qorti :

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra OMISSIS detentur tal-karta tal-identita' numru XXXXX u li ġie mixli talli f' dawn il-Gżejjer, fid-29 ta' Jannar 2015 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti magħmulin minnu, wkoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda: -

> B' ghemil zieni, kkorrompa lil OMISSIS1 ID: xxxxxxx minuri ta' 12 -il sena; OMISSIS2 ID: xxxxxxx minuri ta' 14 -il sena; OMISSIS3 ID: xxxxxxx u OMISSIS4 ID: xxxxxxx minuri ta' 15 -il sena meta hu kien tutur tal-imsemmijin minuri ghal xi zmien jew meta l-istess minuri gew fdati lilu sabiex jiehu hsiebhom, jedukhom, jghallimihom, jindukrhom jew izommhom. Art 203(1)(c)ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Aktar talli fl-istess cirkostanzi ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuni taht l-eta' u cioe' OMISSIS1 ID: xxxxxxx minuri ta' 12 -il sena; OMISSIS2 ID: xxxxxxx minuri ta' 14 -il sena; u OMISSIS3 IDxxxxxxx. Art 204Ċ(1) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq imsemmija kif ukoll il-familjari taghhom.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412(C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti giet genitlment mitluba li jekk jidrilha xieraq tordna ordni ta' trattament skond Art 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba titratta mal-imputat bhala recediv u dan wara li nghata diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistawx jigu mibdula. Art. 49, 50 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-1 ta' Frar 2019 li permezz tagħha dik il-Qorti wara li rat l-artikoli indikati mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tiegħu datata 2 ta' Ġunju 2015 jiġifieri l-artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 203(1)(a)(c), 203(2), 204C(1)(2)(a) tal-Kodiċi Kriminali, l-Qorti sabet lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni in kwantu din hija riferibbli għall-aġir tiegħu fil-konfront ta' OMISSIS1 u tat-tieni imputazzjoni in kwantu din hija riferibbli għal OMISSIS3 u kkundannatu għal ħames snin priġunerija. B'applikazzjoni tal-artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali il-Qorti poġġiet lill-ħati taħt ordni ta' trattament għal perjodu ta' sentejn taħt il-kura tal-Psikologa Chantal Avellino skont

kundizzjonijiet elenkati fid-digriet emanat minn dik il-Qorti. Apparti minn hekk il-Qorti, b'applikazzjoni tal-Kapitolu 518 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex il-ħati jiġi mniżżel fuq ir-Reġistru ndikat f'dak l-Att u għal dan il-għan ordnat li kopja ta' din is-sentenza tiġi komunikata lir-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali. Il-Qorti tal-Maġistrati ordnat ukoll divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem il-ħati, isem il-minorenni u kwalsiasi dettall li jista' jwassal għall-identita tal-minuri u dan sabiex il-minuri involuti jiġu protetti. Finalment b'applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali il-Qorti tal-Maġistrati ikkundannat lill-ħati jħallas is-somma ta' mitejn sebgħa u disgħin euro u ħamsin ċenteżmu (€297.50) rappreżenti l-ispejjeż inkorsi mal-ħatra tal-esperti f'dan il-każ.

Illi OMISSIS ħass ruħu aggravat bil-piena inflitta u interpona appell permezz ta' rikors datat 18 t'Ottubru 2017 fejn huwa ressaq is-segwenti argumenti : -

> 1. Illi l-esponenti hija persuna illi hija stess kienet abbuzata sesswalment fit-tfulija taghha, u kif jirrakonta t-Tabib Psikjatra Dr Joseph Cassar mqabbad mill-Qorti, l-esponent jbati minn *Post Traumatic Stress Disorder* u *Chronic Anxiety Disorder* minhabba dak li ghadda minnu meta abbuzat ta' eta zghira. Jghid ukoll illi x'aktarx illi l-esponent ibati *minn personality desorder.*
>
> 2. It-Tabib psikjatra jzid jghid illi diversi persuni li kienu abbuzati meta kienu zghar fil-fatt jista' jkollhom iktar dizinibizzjoni u jiehu aktar riskji sesswali, u jikkonkludi li l-esponent ghandu bzonn li jkompli bl-ghajnuna psikjatrika u psikologa minhabba l-PTSD u l-problema ta' ansjeta u alkoholizmu li ghandu.
>
> 3. Mill-atti processwali jirrizulta ukoll illi li l-partijiet kollha koncernati hafru lill-esponent ghall-akkadut u rtiraw il-kwereli rispettivi taghhom u rrinunzjaw ghal dak kollu li kien rinunzjabbli.
>
> 4. IIIi l-minuri OMISSIS1 fix-xhieda taghha afol 79 et. seq. tal-process,

xehedet li ma xtaqietx tixhed kontra missierha u ddikjarat li kienet qed tahfirlu u kif ukoll sostniet li '*Il-papa ghadda minn hafna meta kien zghir u jiena rrid nahjirlu*'. Hija ukoll sostniet li ma riedietx tixhed fil-konfront ta' missierha. Minkejja dan, kien l-esponent stess waqt l-interogazzjoni li kkonferma l-akkadut fir-rigward ta' bintu u l-minuri l-ohra.

5. Illi pero, l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha kienet korretta meta kkonkludiet li ma setghatx ssir rinunzja fejn jirrigwarda l-korruzjoni tal-minuri OMISSIS1 li tigi bint il-esponent, u kif ukoll fir-rigward tal-partecipazzjoni sesswali mal-minuri OMISSIS3 li dak in-nhar tal-kommissjoni tar-rejat kellha sittax il-sena.

6. Illi madanakollu fir-rigward tal-piena, ghalkemm il-piena ta' prigunerija nflitta fuq l-esponent hija fil-parametri tal-ligi, l-ewwel Qorti ma taghtx piz bizzejjed ghall-konkluzjonijiet tal-espert psikjatriku li jaghmilha cara li l-akkadut fir-rigward tal-minuri nvoluti kien principarjament assoccjat ma' dak li huwa stess kien ghadda minnu, referibilment ghall-abbuzi sesswali li huwa stess kien sofra fi tfulitu.

7. Illi ghalhekk, ghalkemm huwa jgharaf li ordni ta' trattament kienet mehtiega sabiex tghinu jistabilizza ruhu psikjatrikament u psikologikament, il-piena kalcerarja nflitta, ghalkemm fil-parametri tal-ligi hija eccessiva wisq.

8. L-artikoli 203 u 204C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jistabilixxu l-massimu tal-piena ta' prigunerija ghar-rejati kontemplati fl-imseinrnija artikoli, izda fir-rigward tar-rejat taht artikolu 204C tal-Kapitolu 9, il-Qorti ma hiex marbuta b'ebda minimu, u hija hielsa li tqis ic-cirkostanzi kollha sabiex tinfliggi l-piena.

9. IIIi bir-rispett kollu l-ewwel Qorti naqset li tikkonsidra mhux biss l-appell li l-minuri bintu OMISSIS1 ghamlet lill-Qorti fejn barra li hafret lill-missierha, talbet ghall-klemenza billi sotniet li missierha kellu bzonn l-ghajnuna stante li ghadda minn hafna meta kien huwa stess kien ghadu zghir. In oltre' l-ewwel Qorti naqset ukoll li tikkonsidra li fejn jirrigwarda OMISSIS3 dina ukoll hafret lill-esponent u kien l-esponent stess li kien stqarr mal-pulizija l-partecipazzjoni sesswali. Ghalkemm il-mahfra *per ser* ma ggibx l-estinzjoni tal-akkuzi, stante li f'tali cirkostanzi dawn it-tip ta' rejati fit-tali cirkostanti huma prosegwibbli 'ex officio', dan pero ma jfissirx li l-koperazzjoni kmieni mal-pulizija u l-mahfriet mill-vitmi ma ghandhom jittiehu ukoll nkonsiderazzjoni ghall-fini ta' piena. In oltre', tenut ukoll kont li l-esponent jbati mill-kundizjoni psikjatrika li giet stability li jbati minnha konsegwenza ta' dawk l-esperjenzi li ghadda minnhom fi ckunitu, jimmerita li dina l-Qorti tikkonsidra li jinghata piena fil-rninimu aktar ekwa fic-cirkostanzi.

Illi ghalhekk il-piena ta' prigunerija nflitta mill-ewwel Qorti, u cioe ta' hames snin prigunerija, ghalkemm dina hija fil-parametri tal-ligi ma hiex wahda

idoneja fic-cirkostanzi, u fi kwalunkwe kaz tenut kont il-koperazzjoni tieghu waqt l-interrogatorju w l-mahfriet tal-parijiet kollha nvoluti.

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet lid-Difensuri tal-partijiet jittrattaw l-appell;

*Ikkunsidrat : -*

Peress li dan huwa appell limitat biss għall-piena inflitta, din il-Qorti trid tistħarreġ jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għas-sentenza tagħha billi tanalizza jekk il-piena inflitta minn dik il-Qorti kienetx taqa' fil-parametri legali, jekk kienetx żbaljata fil-prinċipju, jew jekk kienetx manifestament eċċessiva. [1] Kif ġie mistqarr mill-Qorti

[1] Dan irid jiġi mistħarreġ ukoll fid-dawl tal-fatt li l-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :

(a) **Retributtiv;**
(b) **Preventiv; u**
(c) **Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena.**

L-**aspett retributtiv** tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi is-sitwazzjoni morali soċjali għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara lis-soċjeta bil-kommissjoni tar-reat. U s-soċjeta teżiġi li l-ħati jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' tagħha.

L-**aspett preventiv** tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ is-soċjeta, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha **qabel** ma twettaq l-att kriminuż.

Finalment hemm l-**aspett riedukattiv** u **rijabilitattiv** tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għas-soċjeta in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas-soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.

tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet ***The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek*** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."[2]
>
> This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

Fi ftit kliem, jispetta lill-Qorti tal-Maġistrati li tiddeċiedi fuq il-fatti tal-każ, fuq jekk l-imputat ikunx ħati jew le, u jekk ħati, x'piena għandha tingħatalu. Jekk il-Qorti tal-Maġistrati ma tkunx ħadet xi żball fl-analiżi tal-provi jew tal-Liġi, allura s-sentenza tagħha tibqa' torbot u din il-Qorti

ma tistax taqbad u tbiddilha jew tħassarha jekk ma jkunx hemm raġuni valida għaliex. Jekk pero l-Qorti tal-Maġistrati tkun ħadet xi żball, imbagħad din il-Qorti għandha d-dmir li dak l-iżball tirraġah.

Illi din il-Qorti, wara li analizzat il-provi u l-argumenti legali magħmula kemm quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fit-trattazzjoni tal-partijiet quddiemha, tqis li l-Qorti tal-Maġistrati ma ħadetx żball meta waslet li ssib lill-appellant ħati fir-rigward tar-reati li bihom ġie mixli limitatament fil-konfront ta' OMISSIS1 u OMISSIS3 u dan in bażi għar-raġunijiet imsemmija mill-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza tagħha. Dik il-Qorti kellha provi b'saħħithom biżżejjed biex tasal għall-dawk il-konklużjonijiet, bażati fuq ix-xiehda ta' OMISSIS2 u l-istqarrija tal-appellant li ammetta li għamel atti li fil-Liġi jiġu meqjusa libidinużi magħmulin minnu fuq il-persuna ta' bintu OMISSIS1; kif ukoll mix-xiehda ta' OMISSIS3 u mill-istqarrija tiegħu fejn ammetta wkoll li kien għamel is-sess ma l-istess OMISSIS3 meta din kellha biss sittax il-sena.

Din il-Qorti analizzat ukoll x'kienu l-piena applikabbli għal dan il-każ. Fir-rikors tal-appell tiegħu l-appellant aċċetta l-fatt li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet taqa' fil-parametri tal-pieni stabbiliti mill-203(1)(a)(c) u 204Ċ(1) tal-Kodiċi Kriminali fiż-żminijiet ta' meta twettqu reati li tagħhom instab ħati. Apparti minn hekk l-istess appellant ikkonċeda li, ladarba l-Qorti tal-Maġistrati sabet lill-appellant ħati tar-reat taħt l-artikolu 203(1)(a)(c) tal-Kodiċi Kriminali biss fil-konfront ta' OMISSIS1, minħabba li din tiġi bint u stess, allura l-artikolu 203(3) tal-Kodiċi Kriminali jippreskrivi li din il-proċedura titmexxa *ex officio* u allura l-maħfra tagħha ma tistax twassal biex il-każ kontrih jieqaf.

Din il-Qorti rat li dak iż-żmien li fih seħħew l-atti libidinużi fuq bint l-appellant, l-artikolu 203(1)(a)(c) tal-Kodiċi Kriminali kien iġorr piena ħarxa li kienet tvarja minn minimu ta' tliet snin priġunerija sa massimu ta' sitt snin priġunerija.[2] Dan juri li fuq sejbien ta' ħtija taħt dan l-artikolu biss il-Qorti tal-Maġistrati kienet bil-Liġi marbuta li tagħti piena li fil-minimu riedet bilfors tkun ta' tliet snin priġunerija. Kjarament dan juri kemm il-Liġi tqis dawn ir-reati bħala serji ħafna. Iż-żieda fil-pieni li saru fl-2018 li pratikament irdupjawhom juri aktar kemm il-Leġislatur Malti iqis dawn ir-reati b'serjeta kbira.

Biss fiż-żmien meta seħħew l-atti libidinużi fuq bintu, fuq sejbien ta' ħtija taħt dak l-artikolu biss, il-Qorti tal-Maġistrati setgħet tagħti piena ta' ħames snin priġunerija, peress li l-anqas kien tliet snin u l-aktar kien sitt snin priġunerija. U dan mingħajr ma jitqiesu wkoll li l-Qorti tal-Maġistrati kienet sabet lill-appellant ħati tal-parteċipazzjoni f'attivitajiet sesswali ma persuna taħt l-eta, kif ukoll tal-elementi tar-reat kontinwat kif ukoll tar-reċidiva.

***Ikkunsidrat : -***

Li filwaqt li din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal li ssib ħtija fl-appellant in bażi għall-artikoli 203(1)(a)(c) u 204Ċ(1) tal-Kodiċi Kriminali, mill-banda l-oħra ma tistax taqbel ma dik il-Qorti li fil-każ ta'

[2] Dan l-artikolu ġie emendat bejn l-2017 u l-2018 liema emendi mhux qed jiġu meqjusa f'dan il-każ. Jingħad biss li illum il-ġurnata dawn il-pieni ġew imħarxa aktar għaliex issa l-parametri saru jipprovdu minimu ta' sitt snin u massimu ta' tnax il-sena.

OMISSIS3 kien applikabbli wkoll l-artikolu 204Ċ(2)(a) tal-Kodiċi Kriminali. Dan qiegħed jingħad għaliex fis-sentenza tagħha il-Qorti tal-Maġistrati ibbażat fuq l-artikoli msemmija mill-Avukat Ġenerali fin-Nota tar-Rinviju għall-Ġudizzju tiegħu, li kienu jinkludu mhux biss ir-reat taħt l-artikolu 204Ċ(1) tal-Kodiċi Kriminali, iżda wkoll il-kwalifikanti taħt l-artikolu 204Ċ(1)(2)(a) tal-Kodiċi Kriminali. Din il-Qorti ma taqbilx mal-Qorti tal-Maġistrati li, in bażi għall-provi prodotti, ir-reat ta' parteċipazzjoni f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt l-eta, ċjoe OMISSIS3, kien ukoll kwalifikat skont l-artikolu 204Ċ(2)(a) tal-Kodiċi Kriminali. Dan qiegħed jingħad għall-fini ta' preċiżjoni u mhux għax huwa xi fattur li waħdu jwassal għal tnaqqis fil-piena. Dan għaliex kif intqal aktar il-fuq, bil-Liġi kif kienet dak iż-żmien, il-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal li tikkundanna lill-appellant għall-piena ta' ħames snin priġunerija anke kieku ma sabitux ħati tar-reat taħt l-artikolu 204Ċ(1) tal-Kodiċi Kriminali.

Meta xehdet OMISSIS3 fit-12 ta' Frar 2015, din tistqarr li hija, dakinhar, kellha dsatax il-sena. Dix-xhud tgħid aktar minn darba li l-att sesswali mal-appellant kien seħħ meta hija kellha sittax il-sena. Dan ifisser li dan l-att sesswali mal-appellant kien seħħ fis-sena 2012. Anke l-appellant fl-istqarrija tiegħu jgħid li huwa kellu r-rapport sesswali magħha fl-2012. L-artikolu 204Ċ tal-Kodiċi Kriminali ta' dak iż-żmien[3] kien jaqra hekk : -

> (1) Kull min jipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt l-eta jista', meta jinsab ħati, jeħel priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn, bir-reklużjoni jew mingħajrha.

[3] Bl-Att IV tal-2014 il-piena żdiedet għal mhux aktar minn ħames snin priġunerija. Wara dan l-Att kienet saret emenda bl-Att XIII tal-2018. Dawn l-emendi mhux qed jiġu meqjusa f'dan il-każ biex il-Qorti tapplika l-Liġi li kienet viġenti fiż-żmien meta seħħ id-delitt.

(2) Ir-reat għandu jkun punibbli bi pruġunerija għal żmien minn sentejn sa sitt snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha, f'kull wieħed minn dawn il-każijiet li ġejjin :
   (a) Jekk ir-reat isir bi vjolenza;

F'dan il-każ, ix-xhud OMISSIS3 tixhed li kellha sittax il-sena meta l-appellant għamel is-sess magħha. Dan il-fatt hu konfermat mill-kopja taċ-ċertifikat tat-twelid tagħha eżebit fl-atti. Dak iż-żmien it-tifsira ta' persuna taħt l-eta' kienet tfisser persuna li ma tkunx għadha għalqet l-eta ta' tmintax il-sena. Din il-Qorti taqbel li l-appellant ikkommetta r-reat ta' parteċipazzjoni f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt l-eta, peress li s-sess ma tfajla ta' sittax il-sena dak iż-żmien kien reat taħt l-artikolu 204Ċ(1) tal-Kodiċi Kriminali. Biss mix-xiehda ta' OMISSIS3 ma jirriżultax li dan l-att sesswali sar fuqha b'xi forma ta' vjolenza, kif jirrikjedi l-artikolu 204Ċ(2)(a) tal-Kodiċi Kriminali ta' dak iż-żmien li fih seħħ l-att sesswali magħha. Anzi jidher li hi, minn naħa tagħha kkonċedietlu. Fit-12 ta' Frar 2015 OMISSIS3 tixhed hekk (a fol 42 et seq) :

> Kelli affair miegħu meta daqs tlett (3) snin ilu kelli sixteen (16)... u f'dak il-ħin ġie jgħannaq u jbewwes fija u waqajt, kelli x'naqsam miegħu imma eżatt kif lesta minn kollox ġew it-tfal... Ifhem dak il-ħin għall-ewwel qisni hekk imma mbagħad waqajt ... qisni inħsadt pero imbagħad ifhem dak iż-żmien kien naqra attraenti...

Minn din ix-xiehda din il-Qorti ma tarax li hemm prova li turi li s-sess f'dan il-każ sar bil-vjolenza kif meħtieġ sabiex tiġi meqjusa integrata l-kwalifika taħt l-artikolu 204Ċ(2)(a) tal-Kodiċi Kriminali f'dan il-każ.

Iżda anke jekk din il-kwalifika tiġi mwarrba, għar-reat ta' parteċipazzjoni f'attivitajiet sesswali ma persuna taħt l-eta il-Qorti tal-Maġistrati xorta setgħet tapplika piena ta' priġunerija li ma kienetx taqbeż is-sentejn.

Apparti minn hekk jirriżulta wkoll li fil-mori ta' dawn il-proċeduri, bl-Att XIII tal-2018 sess magħmul ma persuna li tkun għalqet is-sittax il-sena iżda mhux it-tmintax il-sena ma baqax aktar jikkwalifika taħt dan ir-reat. Minkejja li din il-fattispecie għalhekk ma għadhiex reat fl-istat tal-Liġi attwali, l-istess fattispecie kienet reat fiż-żmien meta seħħ l-att sesswali ma OMISSIS3. Li dan il-fatt jibqa' jikkostitwixxi reat u bħala tali punibbli anke wara dan il-bdil fil-Liġi huwa wkoll rifless f'sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) nhar l-4 ta' Lulju 2019 fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Brincat Mark Andrew et***. Biss anke jekk din il-Qorti kellha tadotta l-posizzjoni l-aktar vantaġġuża għall-appellant kif naxxenti mis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Martin Cassano*** tat-28 ta' Settembru 2017 fejn dik il-Qorti adottat posizzjoni aktar in linea mad-dettami tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet ***Scoppola vs Italy* (no. 3)** u għalhekk ma tapplikax piena fir-rigward tar-reat li sussegwentement ikun ġe abrogat, xorta jibqa' l-fatt li l-Qorti tal-Maġistrati f'dan il-każ applikat piena li fuq ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni kwalifikat waħdu xorta waħda setgħet legalment u raġonevolment tagħti l-piena ta' ħames snin priġunerija – u dan indipendentement minn sejbien ta' ħtija taħt dan l-artikolu 204Ċ(1) tal-Kodiċi Kriminali, r-reat kontinwat u l-addebitu tar-reċidiva.

***Ikkunsidrat : -***

Illi mill-provi prodotti, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati, kemm mis-siltiet tax-xiehda ta' OMISSIS2 kif ukoll mill-istqarrijiet tal-appellant

setgħet tasal għall-konklużjoni li t-tbagħbis fuq bintu OMISSIS1 seħħ f'kuntest ta' diversi atti magħmulin minnu fi żminijiet differenti, iżda li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi, u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda. Għalhekk il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal biex tikkonsidrahom bħala reat wieħed, imsejjaħ kontinwat u timponi l-konsegwenti żieda fil-piena bi grad jew tnejn. F'dan il-każ ma ġiex speċifikat kemm il-grad ġie impost, iżda peress li l-Qorti tal-Maġistrati qieset lill-ħati ta' reat kontinwat, kif ukoll li kien reċidiv fit-termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, bil-minimum fl-artikolu 203(1)(a)(c) tal-Kodiċi Kriminali jkun dak ta' tliet snin, din il-Qorti ssib li l-Qorti tal-Maġistrati żiedet il-piena bi grad wieħed għalbiex jirrifletti r-reat kontinwat taħt l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali[4] kif ukoll żiedet il-piena bi grad wieħed ieħor in kwantu qieset lill-ħati bħala reċidiv fit-termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.[5] Dan wassalha għall-piena ta' ħames snin priġunerija inflitta.

***Ikkunsidrat : -***

Il-Qorti tal-Maġistrati tagħat il-piena tagħha wkoll billi kkunsidrat lill-appellant bħala li kien reċidiv fl-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali. Mill-atti jirriżulta li a fol 121 ġiet preżentata kopja awtentika ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati datata 1 ta' Diċembru 2011 fejn il-konnotati tal-appellant jaqblu ma dawk misjuba f'din is-sentenza. Bis-saħħa ta' din is-sentenza jirriżulta li l-appellant kien ġie misjub ħati u kkundannat għall-

[4] Biex b'hekk minn tliet snin telgħet għal erba' snin priġunerija.
[5] bir-riżultat ikun żieda oħra minn erba' snin għal ħames snin priġunerija.

ħlas ta' multa fl-ammont ta' mitejn u ħamsa u tletin euro (€235). Issa l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali jippreskrivi s-segwenti : -

> Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.

Din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawżi fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Jason James Agius,***[6] ***Il-Pulizija vs Joseph Zahra,***[7] u ***Il-Pulizija vs Paul Abela,***[8] u oħrajn kemm qabilhom u kemm warajhom, juru biċ-ċar li l-addebitu tar-reċidiva jeħtieġ li jitressaq permezz t'imputazzjoni speċifika li trid tiġi pruvata mill-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

Fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Francis Caruana*** tat-12 ta' Marzu 2009, din il-Qorti diversament presjeduta stqarret li l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali ma jiddistingwix bejn kundanni għal pieni pekunjarji jew restrittivi tal-liberta personali. B'hekk f'każ bħal dak in disamina, dan l-artikolu jeħtieġ li biex persuna titqies reċidiva, din il-persuna trid tkun ġiet ikkundannata għal delitt, u tagħmel delitt ieħor fi żmien ħames snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-multa.

Magħqudin flimkien dawn l-insenjamenti jġibu l-konsegwenza li sabiex il-Prosekuzzjoni jirnexxilha tistabbilixxi li imputat huwa reċidiv fit-

---

[6] Tal-5 ta' Novembru 2001.
[7] Tal-24 ta' Frar 2003.
[8] Tal-10 ta' Settembru 2004.

termini tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali, il-Prosekuzzjoni trid tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni :

(a) li l-imputat ikun ġie ikkundannat għal delitt;[9]

(b) b'sentenza li tkun għaddiet in ġudikat;

(c) li l-imputat ikun dak li wettaq id-delitt il-ġdid;

(d) ikun wetqu fi żmien għaxar snin (jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin) jew fi żmien ħames snin (fil-każijiet l-oħra kollha);

(e) minn dak in-nhar li **jkun skonta jew tkun inħafritlu l-piena**.

Huwa biss meta dan kollu jkun ġie pruvat sal-grad li trid il-Liġi li l-Qorti tkun tista', ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali, tgħaddi biex timponi piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.

Minħabba f'hekk issir determinanti li l-Prosekuzzjoni tipprova sal-grad rikjest mill-Liġi meta eżattament il-piena inflitta preċedentement tkun ġiet skontata jew tkun ġiet maħfura. Dan huwa rekwiżit legali għar-reċidiva, u mhux biss xi dettall li wieħed jista' jgħaddi mingħajru. Din il-prova, bħal kull prova oħra fil-kamp kriminali tkun trid, b'xi mod tirriżulta mill-atti proċesswali, u tista' tieħu forma kemm dokumentarja kif ukoll dik orali, jew it-tnejn flimkien, skont il-każ.

[9] Billi issir il-prova bil-mezz ta' kopja awtentika tas-sentenza kundannatorja li fuqha jkunu jirriżultaw il-konnotati identiċi tal-ħati jew almenu jkun hemm prova oħra tal-identita tal-ħati mal-imputat li jkun irid jiġi ritenut bħala reċidiv.

Trattandosi ta' piena ta' multa, din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha tal-15 t'April 2015 fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Josef Borg*** iddeċidiet li l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali huwa applikabbli għall-każijiet fejn persuni jiġu misjuba ħatja ta' delitti u kkundannati għall-ħlas ta' multi kif ukoll li skont l-artikolu 665 tal-Kodiċi Kriminali :

> Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 28A u d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi dwar il-ħlas ta' pieni ta' flus, kull deċiżjoni għandha tiġi esegwita minnufih li tingħata.

In bażi għall-dan l-artikolu dik il-Qorti kienet ikkonkludiet li għall-piena ta' multa l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali jiskatta mid-data ta' dik is-sentenza; filwaqt li fil-każ ta' meta l-Qorti tkun ikkonċediet żmien għall-ħlas tal-multa, it-terminu msemmi fl-artikolu 50 ma jiskattax sakemm il-perjodu għall-ħlas tal-multa ikun għadu ma skadiex.

Biss din il-Qorti kif presjeduta tqis li dak li l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali jippreskrivi huwa mhux biss meta s-sentenza għandha titqies li tiġi eżegwita – f'liema każ, allura kif jgħid l-istess artikolu, minnufih – iżda t-terminu hemm prefiss mill-artikolu 50 huwa marbut ma meta l-piena inflitta, ossija l-multa f'dan il-każ, tkun ġiet **skontata jew maħfura**. Għalkemm is-sentenzi għandhom ikunu eżegwiti minnufih (bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 28A u d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi dwar il-ħlas ta' pieni ta' flus) l-enfażi tal-Liġi fl-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali qiegħed fuq l-iskontar jew maħfra tal-piena u mhux daqstant fuq l-eżegwibbilta' immedjata tas-sentenzi.

Il-ħati li jkun ġie kundannat għall-ħlas tal-multa għandu d-dover li jħallas il-multa immedjatament. Fil-każ li ma jkunx ingħata żmien għall-ħlas tal-

multa mill-Qorti, l-obbligu tiegħu huwa li jħallas il-multa minnufih. Iżda jekk ma jħallasx il-multa, ma jistax jingħad li huwa jkun skonta l-piena sempliċiment għax din skont il-Liġi trid tiġi eżegwita minnufih. Il-ħati għandu l-obbligu li jħallas il-multa; filwaqt li l-Amministrazzjoni tal-Qrati għandha d-dmir li tara li s-sentenzi tal-Qrati jiġu eżegwiti tempestivament u li tieħu l-azzjoni meħtieġa biex twettaq dawn is-sentenzi.

Din l-interpretazzjoni ssib ukoll il-konfort tagħha f'sentenza preċedenti mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta tal-10 ta' Lulju 2015 fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Anthony Said,***[10] ġie mistqarr is-segwenti : -

> Il-Qorti ħasbet fit-tul dwar is-sottomissjoni li l-perjodi speċifikati fl-artikolu 50 f'kull każ ma jiskattawx jekk il-persuna konċernata ma tkunx skontat il-piena għaliex dan ikun ifisser li sabiex persuna tevadi l-awment fil-piena konsegwenza ta' reċidivita' kull ma għandha tagħmel hu li ma tħallasx il-multa imposta jew tevadi l-inkarċerazzjoni. B'hekk jinħoloq inċentiv lill-ikkundannat sabiex jagħmel minn kollox biex jevadi s-sanzjoni tal-Qorti u b'hekk jevadi l-awment fil-piena f'każ ta' reċidiva. Dan ma jidhirx li jiffavorixxi politika penali sana. B'danakollu, id-diċitura tal-artikolu 50 ma jidhirx li jħalli alternattiva lill-Qorti ħlief li tagħti lill-kliem tal-istess artikolu t-tifsira naturali tiegħu u ċioe' li t-termini preskritti fl-artikolu 50 għall-finijiet tal-awment tal-piena jiskattaw meta l-ewwel sentenza tkun ġiet skontata. Peress li s-sentenza ma tistax titqies skontata jekk il-multa ma tkunx ġiet mħallsa, jew konvertita fi priġunerija li tiġi skontata, allura fil-każ li ma jirriżultax li l-piena tal-multa tkun ġiet imħallsa l-awment fil-piena minħabba r-reċidiva ma japplikax. Għalhekk il-Qorti tikkonkludi li ma setax isir awment fil-piena minħabba reċidiva fuq l-iskorta tas-sentenza tas-7 ta' Marzu 2008 peress li ma jirriżultax li l-piena tal-multa imposta f'dik is-sentenza kienet ġiet mħallsa jew ġie skontat xi perjodu ta' priġunerija minflok dik il-multa.[11]

---

[10] Mill-Prim'Imħallef Emeritu Silvio Camilleri.

[11] Din il-linja ta' ħsieb jirriżulta wkoll li ġiet segwita minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza Il-Pulizija vs Joseph Grech deċiża nhar it-28 ta' Ġunju 2017.

Din il-Qorti hija konfrontata b'sitwazzjoni simili ħafna f'dan il-każ fejn mill-atti ma jirriżultax li Prosekuzzjoni b'xi mod pruvat sal-grad rikjest mill-Liġi jekk u meta l-multa inflitta bis-sentenza tal-1 ta' Diċembru 2011 ġiet imħalsa, ossija skontata jew maħfura. B'hekk mhux possibbli li jiġi stabbilit jekk meta l-appellant wettaq ir-reati imputati lilu huwa kienx jikkwalifika bħala reċidiv mhux biss ai fini tal-artikolu 49 iżda wkoll fit-termini tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali għaliex ma jistax jingħad jekk huwa ħallasx dik il-multa fl-ewwel lok. Il-prova tar-reċidiva, nonche tal-iskontar jew maħfra tal-piena stabbilita fis-sentenza trid tinġieb mill-Prosekuzzjoni u f'dan il-każ din il-prova hija nieqsa. Dan sejjer iwassal lil din il-Qorti sabiex filwaqt li tqis lill-appellant reċidiv fit-termini tal-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali, mill-banda l-oħra ma tistax tqisu li huwa reċidiv ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali.

***Ikkunsidrat : -***

Din il-Qorti trid tanalizza wkoll jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li kienet **<u>manifestament eċċessiva</u>** meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell ***Kandemir*** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb***, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif

komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju meta ġiet emanata dik il-piena.

Għalhekk il-Qorti ser titratta l-argumenti imresqin mill-appellant u dan sabiex tkun tista' tevalwa aħjar jekk il-piena mogħtija kienetx waħda manifestament eċċessiva tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ. L-argumenti tal-appellant huma li għalkemm il-piena kienet fil-parametri legali, hija kienet eċċessiva minħabba li :-

1. Il-Qorti tal-Maġistrati ma tagħtx piż biżżejjed il-fatt li l-appellant kien vitma ta' abbużi sesswali fi tfulitu, kif rifless fir-relazzjoni tal-Psikjatra Dr. Joseph Cassar;
2. Il-maħfra magħmula mill-minuri involuti jew mill-ġenitur tagħhom nonche l-irtirar tal-kwereli rispettivi; anżi bint l-appellant, vitma hi stess, talbet il-klemenza għal missierha in kwantu rrikonoxxiet li huwa kien għadda minn ħafna meta kien għadu żgħir;
3. L-appellant ikkopera mal-Pulizija u fl-interrogatorju tiegħu huwa kkonferma l-fatti l-aktar saljenti li waslu għas-sejbien ta' ħtija f'dan il-każ.

Illi a fol 333, fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati stess jirriżulta li fl-għoti tal-piena, dik il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni :

> Il-fatt li l-imputat huwa recidiv u kkunsidrat ukoll il-gravita' tar-reati li taghhom huwa qed jinstab hati. Il-Qorti kkunsidrat ukoll il-konkluzjonijiet maghmula mill-espert psikjatra Dr Joseph Cassar li gie nominat minn din il-Qorti fuq talba tad-Difiza fejn gie kkonstatat li huwa jbati minn personality disorder anki minhabba l-fatt li huwa seta' sofra minn abbuz sesswali meta kien zghir. Din il-Qorti ma taqbilx ma' dak sottomess mid-Difiza li minhabba dan il-personality disorder l-imputat ghandu jinghata piena alternattiva ghal dik karcerarja. Il-Qorti hija tal-fehma li piena karcerarja akkompanjata minn Ordni ta' Trattament taht l-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali tkun l-aktar piena idoneja.

Illi dan juri biċ-ċar li meta kienet qegħda tqis l-argumenti dwar il-piena, il-Qorti tal-Maġistrati kienet diġa ħadet in konsiderazzjoni r-relazzjoni tal-Psikjatra, kemm fil-korp tal-konsiderandi dwar ir-responsabbilta' kif ukoll fil-parti li speċifikament kienet tittratta l-piena. Din il-Qorti għalhekk ma taqbilx mad-Difiża li l-Qorti tal-Maġistrati ma tagħtx piż biżżejjed lil dan il-fatt stante li kjarament ħaditu in konsiderazzjoni u qegħdet dik ir-relazzjoni psikjatrika fil-kontest aktar wiesa' tal-ħajja tal-appellant.

Illi dik il-Qorti ħadet ukoll in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi kollha relattivi għall-maħfriet magħmula fil-kors ta' din il-kawża u l-effetti li dawn il-maħfriet kellhom fuq il-każ tal-appellant. Dan qed jingħad għaliex meta ġiet biex issib il-ħtija fl-appellant, il-Qorti tal-Maġistrati illimitat ruħha biss li ssib ħtija fl-appellant għall-imputazzjonijiet b'riferenza għal OMISSIS1 u OMISSIS3 fejn l-azzjoni kriminali mnissla mill-fatti kommessi fuqhom kienet kompetenti *ex officio* lill-Pulizija Eżekuttiva u b'hekk il-maħfra u l-irtirar tal-kwereli rispettivi ma setgħux iwasslu għall-estinzjoni tal-azzjoni penali.

Illi l-Qorti tal-Maġistrati rat u semgħet lill-minuri OMISSIS1 u OMISSIS2, kif ukoll lil OMISSIS3 jixhdu quddiemha. Din il-Qorti reġgħet ukoll rat il-*video conference* magħmula ma' dawn ix-xhieda u kien evidenti li l-atti tal-appellant fuq dawn it-tfajliet ħalliet trawma, almenu fuq dawn iż-żewġt tfajliet żgħar OMISSIS1 u OMISSIS2 tant li t-tnejn li huma, infaqgħu jibku, għalkemm forsi, għal raġunijiet differenti. Din il-Qorti ma tistax ma tistqarrx dispjeċir meta tara li l-appellant stess setgħa kien vitma ta' abbuż sesswali fi tfulitu. Iżda mill-banda l-oħra ma tistax tgħid li l-Qorti tal-Maġistrati kienet żbaljata meta ddeċidiet li t-traġedja tiegħu ma kellux jgħaddiha wkoll lil ħaddieħor – inkluż lil bintu stess. Fl-aħħar mill-aħħar, minkejja dak li għadda minnu l-appellant, u preċiżament għaliex hu, bħala adult, kellu jagħraf kemm hu kiefer li tkun abbużat sesswalment meta tkun għadek tifel, kien obbligat li jara li ma jgħaddix lill-ħaddieħor, inkluż lil bintu, minn dik l-istess trawma, u li bintu u OMISSIS2 ser jibqgħu jġorru matul ħajjithom kollha. Għalkemm l-appellant jgħid li huwa kien jagħmel l-atti fuqhom biċ-ċajt, bir-rispett kollu, dak li OMISSIS2 rrakkontat fix-xiehda tagħha b'riferenza għal OMISSIS1 u dak li stqarr li għamel magħhom l-appellant fl-istqarrija tiegħu – mhux ċajt. L-appellant kien obbligat li ma jġibx ruħu b'dak il-mod – la ma bintu u l-anqas ma bint is-sieħba tiegħu, jew ma kuġinitha ta' sittax il-sena meta huwa kien diġa raġel fuq it-tletinijiet. L-appellant ma kienx kapaċi jieqaf għall-istint tiegħu u ħalla lilu nnifsu jitkaxkar l-isfel fl-abbiss tal-abbuż fuq il-minuri involuti. Il-Qorti tal-Maġistrati qieset dawn il-fatturi meta ġiet biex tagħti l-piena tagħha billi tagħat piż konsiderevoli għas-serjeta tal-azzjoni tal-appellant fuq bintu u fuq OMISSIS3. Dan joħroġ mill-konsiderandi tal-Qorti tal-Maġistrati kif jidhru fis-sentenza tagħha.

Illi apparti minn hekk, kif intqal aktar il-fuq, il-Qorti tal-Maġistrati sabet lill-appellant ħati wkoll taħt l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali. Dwar dak li jirrigwarda s-sess ma OMISSIS3, għalkemm fl-istqarrija tiegħu l-appellant jgħid li huwa kellu x'jaqsam ma OMISSIS3 "xi darbtejn", mix-xiehda tal-istess OMISSIS3 jirriżulta li huma għamlu s-sess darba waħda. B'hekk din il-Qorti ma tqisx li dan ir-reat taħt l-artikolu 204Ċ(1) jikkwalifika għall-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali ukoll.

Issa għalkemm fis-sentenza tagħha il-Qorti tal-Maġistrati hija siekta fuq dan il-punt, din il-Qorti tifhem li l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu saret minn dik il-Qorti fir-rigward tar-reat tal-korruzzjoni ta' bintu minorenni minħabba li l-atti libidinużi jirriżultaw li seħħew għal aktar minn darba. Il-Qorti tal-Maġistrati, kemm mix-xiehda ta' OMISSIS2 kif ukoll fl-istqarrija tal-appellant, irriżultalha li l-atti fuq bint l-appellant kienu saru aktar minn darba waħda. Ġaladarba l-Qorti tal-Maġistrati sabitu ħati taħt dak l-artikolu, il-pieni stabbiliti fl-artikolu 203(1)(a)(c) tal-Kodiċi Kriminali setgħu jiżiedu bi grad jew tnejn. Dan ifisser li l-piena fil-minimu tagħha – tliet snin priġunerija – bl-applikazzjoni ta' dan l-artikolu setgħet tiżdied għal erba' snin priġunerija b'żieda ta' grad wieħed jew għal ħames snin priġunerija b'żieda ta' żewġ gradi. Il-massimu tal-piena setgħa jiżdied għal disa' snin b'żieda ta' grad wieħed jew tnax il-sena priġunerija b'żieda ta' żewġ gradi. Il-Qorti tal-Maġistrati għalhekk setgħet timponi piena ta' ħames snin priġunerija taħt sejbien ta' ħtija tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni u tkun għadha qrib il-minimu tal-piena, ladarba l-massimu

setgħa jwassal għal tnax il-sena priġunerija. Iżda f'dal-każ, l-appellant instab ukoll ħati taħt l-artikolu 204Ċ(1) tal-Kodiċi Kriminali.[12]

Kif intqal fil-bidu, il-Qorti tal-Maġistrati għandha s-setgħa fl-ewwel lok li ssib ħtija u tagħti l-piena fil-każijiet li tkun qed tiddeċiedi quddiemha. U hija setgħet timponi dik il-piena ta' ħames snin priġunerija anke jekk ma tittieħedx in konsiderazzjoni s-sejbien ta' ħtija taħt l-artikolu 204Ċ tal-Kodiċi Kriminali u anke jekk l-appellant ma jitqiesx reċidiv ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali. U għar-raġunijiet spjegati aktar il-fuq, għalkemm dik il-piena ma tistax titqies li kienet manifestament eċċessiva fil-fehma tal-Qorti l-iżball fil-prinċipju dovut għall-applikazzjoni tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali mill-Qorti tal-Maġistrati għandu jwassal għal riduzzjoni tal-piena bi grad.

## ***Konklużjoni***

Għall-motivi premessi, din il-Qorti qegħda tiddisponi minn dan l-appell billi tilqa' in parti l-istess appell u tibdel is-sentenza appellata billi tħassar dik il-parti tas-sentenza:

(a) fejn sabet lill-appellant ħati tar-reat kwalifikat taħt l-artikolu 204Ċ(1)(2)(a) tal-Kodiċi Kriminali;

[12] Il-Qorti tal-Maġistrati ma semmietx liema parti tal-artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali kienet qegħda tinvoka u li setgħa wkoll iwassal għal żieda ulterjuri fil-piena.

(b) fejn sabet lill-appellant reċidiv ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali; u
(c) fejn ikkundannatu għall-piena komplessiva ta' ħames snin priġunerija;

u minflok :

(a) issibu ħati tar-reat mhux kwalifikat taħt l-artikolu 204Ċ(1) tal-Kodiċi Kriminali; u
(b) issibu reċidiv ai termini tal-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali iżda mhux ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali;

u konsegwentement tikkundannah għall-piena ta' **erba' snin priġunerija** filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament tagħha.

***Aaron M. Bugeja,***
***Imħallef***